IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 (tmienja u għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2026, fl-4.30pm.

Preżenti:	Il-Membri
Viċi Sindku	Michael Mifsud
Il- Kunsillier	Mary Doris Borg
	Antonia Buttigieg
	Raymond Duncan
Assenti b'Apoloġija	
Sindku	Neil Attard
L-Uffiċjal	
Is-Segretarju Eżekuttiv	Ranier Busuttil

Is-Sur Michael Mifsud ippresedja l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

28.1. Item Nru 28.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

28.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.30pm u s-Sur Mifsud qara ittra ta' apoloġija tas-Sindku li jinsab barra minn Malta jirrappreżenta l-Kunsill. Kulħadd qabel li jittieħed skużat

28.2. Item Nru. 28.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 27 ittieħdu moqrija u kien hemm korrezzjoni f'minuta 27.4.2 u tinqata' "fiss għal tul is-sena kollha".Wara dawn il-korrezzjonijiet ġew approvati.

28.2.2 Wara il-Kunsill approva wkoll il-minuti 26B b'urgenza.

28.3 Item Nru. 28.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mil-Viċi Sindku

28.3.1 Is-Sur Mifsud staqsa fuq il-palm jekk tħalsux mil-ERA u s-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

28.3.2 Is-Sur Mifsud staqsa fuq l-applikazzjoni tal-barrier ta' Triq Orlando Zabbar u s-Segretarju wieġeb fin-negattiv li għadna ma smajna l-ebda risposta.

28.3.3 Il-Viċi Sindku staqsa għandnix xi risposta fuq il-ħsarat li saru bil-maltempata Harry. Is-Segretarju wieġeb ukoll fin-negattiv. Għalhekk ser nerġgħu nibgħatu reminder u nagħmlu daqxejn aktar pressjoni.

28.3.4 Il-Viċi Sindku staqsa fuq il-laqgħa ma Infrastruttura Malta u s-Segretarju qallu li għal din il-laqgħa attenda is-Sindku u jista jtina aktar informazzjoni fil-laqgħa li ġejja.

28.3.5 Is-Sur Mifsud qal li t-tender tal-cameras ġie evalwat u ser nipproċedu nistennew jekk hux ha jkun hemm appelli.

28.3.6 Is-Sur Mifsud qal li t-tender tal-Van ġiet ippublikata u tinsab online.

28.3.7 Is-Sur Mifsub tkellem fuq in-nursery u staqsa lis-Sa. Borg jekk marritx tara l-post u jekk hux adatt li jsiru korsijiet. Hi qaltlu li ghad hemm ħafna affarijiet x'jitneħħew mix-Xgħajra Tornados. Għalhekk sar qbil li tintbgħat ittra lix-Xgħajra Tornados sabiex ineħħu l-affarijiet sabiex il-post ikun jista jintuża għal tagħlim.

28.3.8 Is-Sur Mifsud qal li dwar il-laqgħa pubblika irridu nagħmlu waħda f' Dicembru biex ninfurmaw il-pubbliku bix-xogħol li jkun sar u oħra f'Marzu fejn jiġi ppreżentat il-Budget u r-rapporti finanzjarju.

28.3.9 Is-Sur Mifsud staqsa dwar ir-rapport li kellu jsir mal-Environmental Health fuq il-problema ta' ġrieden. Is-Segretarju qallu li sar u azzjoni ittieħdet.

28.3.10 Is-Sur Mifsud staqsa dwar il-bir tal-bandli u s-Segretarju qallu li intela bix-xita u għalhekk jidher li qed jiffunzjona sewwa.

28.4 Item Nru 28.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.4.1. Is-Sur Michael Mifsud qal li iċ-ċint/binja li hawn fil-kantuniera ta' bejn Triq L-iskola ma' Triq Dwardu Ellul jinsab perikoluż u tajjeb li nagħmlu pressjoni mal-Pulizija sabiex naraw f'ser isir.

28.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet nistgħux nagħmlu traffic management ġdid għal Wesgħet il-Ħelsien sabiex nevitaw xi aċċident bil-karozza tal-linja kif ukoll inżidu aktar parkeġġ.

28.4.3 Is-Sa. Doris Borg tkellmet fuq postijiet li qed jiġġarfu u għandna niċċekkjaw ta' min huma sabiex jirranġawhom.

28.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk inġabrux is-slielen. Is-Segretarju wieġeb fil-posittiv. Is-Sa. Doris qalet jekk nistgħux nagħmlu life savers u nagħmlu wkoll is-swimmers zones.

Is-Sur Michael Mifsud qal li tajjeb nippjanaw għas-sena d-dieħla u nipproponu l-pjan. Is-Sur Ray Duncan ippropona wkoll li l-banju ikun aċċessibbli għal persuni b'diżabilta.

28.4.5 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nitolbu għal zebra crossing fi Triq l-Ispnott il-parti ta' isfel fejn hemm wiesa.

28.4.6 Is-Sa. Borg qalet li l-kap tal-iskola qaltilha li ser titlob għal laqgħa fil-viċin. Is-Segretarju qal wkoll sabiex naraw għandhomx post fejn jistgħu jospitaw il-Librerija għaliex sa issa ma għandna imkien fejn tiġi rialokata.

28.4.7 Is-Sa. Borg qalet li nhar it 23 ta' Ottubru ser ikun hemm attività tal-Pink October mal-iskola u talbet li jkun hemm assistenza tal-Pulizija tal-Komunità.

28.4.8 Is-Sur Ray Duncan qal li jinsab dispjaċut kif l-insurance lilu ma tistax tinxurjaħ minħabba li kellu marda tal-kanċer 6 snin ilu. Dan wara li batulu biex itihom rapport tat-tabib u testijiet imbgħad bagħtulu li mhux eliġibbli. Hu iċċekkja u hemm xi ħaġa fil-liġi li over 25 year u jkollok passat tal-marda tal-kanċer iridu jkunu għaddew 10 snin.

28.4.9 Is-Sur Duncan ippropona li nagħmlu CCTV fi Sqaq San Lawrenż u li tiġi nkluża mal-proġett tac-CCTV

28.4.10 Is-Sa Buttiġieġ ipproponiet li jsir manutenzjoni fil-bus shelter ta' Triq Karmelo Ritchie. Is-Segretarju qal li dak kellu jsir imbghad il-ħaddiem weġġa.

28.4.11 Is-Sa. Buttiġieġ qalet li għandha siġra tal-awrikarja li tista ttiha donazzjoni. Kulħadd qabel u għalhekk ser insibu post fejn ser tiġi mħawwla.

28.5 Item Nru. 28.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

28.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-mitkub.

28.6 Item Nru. 28.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

28.6.1 Ix-xogħol ġie diskuss kollu aktar kmieni.

28.7 Item Nru. 28.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

28.7.1 Pagamenti b'numru 27 ġew approvati unanimament. Kien hemm rimarka dwar il-pagament tal-MMG għaliex qal li ma kienx infurmat. Is-Segretarju qal li kien hemm email u ġiet iċċirkulata.

28.8 Item Nru. 28.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;

28.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

28.9 Item Nru. 28.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.9.1 Il-laqgħa intemmet fil-5.40pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 9 ta' Novembru fl-4.30pm.

_____	_____
Ranier Busuttil	Neil Attard
Segretarju Eżekuttiv	Sindku